MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 175/2008

**Josephine Vella I.D. 212253(M)**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited (C - 3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur fuq indikat datat il-21 t' April, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-Qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmint elef, erba' mija u erba' u sittin Ewro, (€8,464.00), rapprezentanti l-valur tal-"*claim*" taht il-polza ta' assikurazzjoni numru ZZTEOZ941 li kienet inharget fl-20 ta' Dicembru, 2007 favur ir-rikorrenti u dan billi

sussegwentement ir-rikorrenti sfat vittma ta' serqa waqt li kienet imsiefra f'Londra l-Ingilterra izda s-socjeta` intimata rrifjutat li thallasha l-valur ta' l-oggetti misruqa, prevja dikjarazzjoni li s-socjeta` intimata hija responsabbli ghall-hlas tal-"*claim"* precitata;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-4 t'April, 2007 u bl-imghax mid-data meta dahlet il-"*claim"* tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata in subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata l-14 ta' Mejju, 2008 li permezz taggha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici qed tigi michuda billi:

a. l-attrici trid iggib prova b'mod sodisfacenti li attwalment sehh l-incident *de quo* u li nsterqu l-oggetti mertu tal-"*claim"*, u dan, billi l-eccipjenti ghandhom dubji serji dwar il-veracita taghha;

b. inoltre, meta r-rikorrenti ghamlet il-"*claim"* hija ddikjarat illi ma kellhiex "*claims"* taht "*travel policy"* qabel izda fil-fatt irrizulta illi fis-sena 2005, hija kienet ghamlet "*claim"* mas-socjeta` konvenuta u fil-fatt kienet thallset is-somma ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900) u ghalhekk kien hemm "*misrepresentation*" da parti taghha fil-mument li hija ghamlet il-"*claim"*;

c. kissret il-kondizzjonijiet tal-polza billi ma haditx "*reasonable care"* ta' hwejjigha u kosegwentement hija kisret wahda mill-kondizzjonijiet ewlenin tal-polza ta' assikurazzjoni;

d. finalment u minghajr pregudizzju ghall-premess, u sussidjarjament ghall-istess, f'kaz li jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta tigi mizmuma responsabbli in toto jew in parte dwar in-nuqqasijiet allegati, l-ammont mitlub huwa ezagerat;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi flimkien ma habib taghha r-rikorrenti siefret f'Dicembru 2007 biex tmur ghal maghmudija li ghaliha kienet giet imqabda tkun parrina;

2. Illi kif kienu ser ikunu f'dan il-pajjiz esteru iprenotaw postijiet biex jassistu ghal partita futbol;

3. Illi peress li bhala parrina hi kellha parti importanti fil-maghmudija tan-nepputija taghha, ir-rikorrenti kienet kostretta ttella' maghha oggetti ta' certu valur biex tkun tista' tilbishom fl-imsemmija maghmudija u li in oltre, stante li kien il-perjodu Natalizju, xtrat ukoll diversi rigali ghall-okkazzjonijiet;

4. Illi l-oggetti gew regolarment assigurati, jidrhu elenkati a fol 18, u komplessivament jammontaw ghall-valur ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin, (Lm3,600.00), ekwivalenti ghall-tmint elef tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€8,385.74);

5. Illi jirrizulta pero` li l-oggetti hemm elenkati ma ntilfux kollha u kienu biss dawk indikati a fol 14, it-tielet paragrafu, li ntilfu komplessivament ammontanti ghall-tmint elef, erba' mija u erba' u sittin Ewro, (€8,464.00);

6. Illi daw l-oggetti in dizamina ntilfu minhabba ta’ katina ta’ eventi li r-rikorrenti ssostni li ma kellha l-ebda kontroll fuqhom u li jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

a. Illi meta r-rikorrenti u l-akkompanjatur taghha wasslu l-lukanda prenotata sabu li ma kienitx ghall-altezza ta’ dak li kienu raw fuq l-internet meta pprenotaw stante li meta marru fil-kamra lilhom assenjata sabu li din ma kellha l-ebda tip ta’ sigurta` bhal “*safe*” fil-kamra jew possibilita` li thalli oggetti prezjuzi mal-lukandier;

b. Illi peress li kienu maghfusin fil-hin biex imorru jaraw il-partita futbol, ir-rikorrenti kienet kostretta tiehu l-oggetti prezjuzi maghha;

c. Illi waqt il-partita r-rikorrenti ssostni li fl-intervall tal-partita qamet minn fuq il-pultruna fejn kienet u meta regghet poggiet il-basket taghha fejn kienet kostretta zzomm l-oggetti prezjuzi taghha, ma sabitux;

d. Illi r-rikorrenti ntavolat rapport tal-incident mal-Pulizija Metropolitana, (ara fol 22), fejn sostniet li l-istess ufficcjali nfurmawha li l-post fejn marret tara l-partita hu notarju ghal dan it-tip ta’ reat;

7. Illi meta rritornat Malta ntavolat talba ghal risarciment mis-socjeta` intimata fejn allegatament impjegat tal-istess beda “jghajjat” maghha, (ara fol 18);

8. Illi meta s-socjeta` intimata effettwat l-analizi taghha, irrifjutat it-talba tar-rikorrenti u konsegwentement kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi skont is-socjeta` intimata, il-fatti tal-kawza odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi minn ezami preliminari tal-kaz, is-socjeta` intimata mill-ewwel esprimiet dubji serji fuq l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li finalment wassluha anke biex tirrespingi definittivament it-talbiet tar-rikorrenti;

2. Illi r-ragunijiet li wasluha tiehu din l-atitudini jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

a. Nuqqas ta' kredibilita`, (ara fol 42);

b. Ir-rikorrenti ma haditx hsieb xieraq tal-proprjeta` taghha bi ksur tal-obbligu impost mill-istess polza assikurattiva tar-rikorrenti;

c. Ir-rikorrenti tidher li tat informazzjoni erronea lill-investigaturi tas-socjeta` intimata peress li meta intalbet tinformhom jekk kelliex xi talba assigurattiva precedenti jirrizulta li wiegbet li qatt ma kellha talba ohra ta' dan it-tip, meta sussegwentement irrizulta li effettivament kellha;

d. Li hallset ghall-oggetti bi flus kontanti u mhux bil-karti ta' kreditu u li effettivament hallset ghall-ammont anqas mill-valur taghhom;

e. Li sostniet mal-investigaturi tas-socjeta` intimata li t-telefon cellulari taghha kien fil-but fil-hin tal-incident, meta fil-qorti sostniet mod iehor, effettivament li ma kelliex *mobile* fuqha, (ara fol 16);

3. Illi tenut kont tad-diskrepanzi hawn elenkati s-socjeta` intimata rrifjutat li takkolji t-talba tar-rikorrenti ghal risarciment;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi fattwali ta' kif svolgew l-affarijiet in dizamina ghandu jigi sollevat is-segwenti:

1. Illi l-esperjenza fir-rigward tinsenja li nonostante kwalunkwe analisi puntwalizzat tal-fatti li jistghu jigu individwati f'kazijiet in dizamina jibqa' l-fatt li kollox jippernja fuq il-buona fede tal-partijiet – tar-rikorrenti biex ma tqarraqx – tas-socjeta` intimata biex ma tirrispingix talba gusta minghajr raguni;
2. Illi huwa legittimu d-dubju sollevat mis-socjeta` intimata stante li jirrizulta li l-verzjoni tar-rikorrenti verament tippekka f'xi dettalji bhal dik rigwardanti t-telefon cellulari taghha, izda b'daqshekk ma jfissirx li l-edifizzju tat-talba taghha jikkrolla inezorabbilment;

3. Illi kemm l-esperjenza kif ukoll ix-xjenza akkademika fir-rigward jghallmu li tenut kont tax-xokk subit minn min jaghddi minn esperjenza xokkanti istantanea bhal dik in dizamina difficilment jimmemorizza d-dettalji kollha tal-akkadut biex jirrakkonthom dejjem bi precizjoni pedissewka a sodisfazzjon ta' xi funzjonarju li jaffordja janalizza s-sitwazzjoni bil-kalma u bil-kumdita`;

4. Illi mir-rizultanzi riskontrati din il-qorti ma ssib xejn li jiskossa l-buona fede tar-rikorrenti li jirrizulta li kienet fuq btala familjari fejn mal-maghmudija tan-nepputija infilzat il-possibilita` li tara partita futbol fejn ippretendiet li n-nies prezenti jgibu ruhhom civilment;

5. Illi di piu`, l-agir tar-rikorrent fil-mument kritiku fl-istadium in dizamina, ma jirrizultax li ma kienx kif rikjest biex tipprotegi l-proprjeta` taghha b'mod ragonevoli;

6. Illi jekk it-tezi tas-socjeta` intimata tigi avellata, allura turi li m'ghandiex idea tal-kapacita` kriminali fil-kazijiet in dizamina fejn hemm nies ippreparati u ttrenjati bizzejjed li jehdulek il-proprjeta` tieghek litteralment minn taht ghajnek;

7. Illi ghalkemm verament jirrizulta xi diskrepanzi fattwali, din il-qorti tqis li dawn huma de minimis u bl-ebda mod ma jippregudikaw l-assjem totali tat-talba in buona fede tar-rikorrenti li din il-qorti qed tavalla;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi in toto r-risposta tas-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti GasanMamo Insurance Limited thallas lir-rikorrenti Josephine Vella l-ammont ta’ tmint elef erba’ mija u erba’ u sittin Ewro, (€8,464.00), rapprezentanti l-valur tat-talba taht il-polza t’assikurazzjoni indikata fir-rikors promotur billi sfat vittma ta’ serqa waqt li kienet Londra;

2. Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------